31998D0423

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ġunju 1998

li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċjali li jirregolawl-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-prodotti ta' l-akwakultura li joriġinaw fil-Gżejjer tal-Falkland

(notifikata taħt id-dokument numru C(1998) 1850)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(98/423/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq tal-prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adezzjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Billi l-espert tal-Kummissjoni wettaq żjara tal-ispezzjoni fil-Gżejjer tal-Falkland biex jivverifika li l-kundizzjonijiet li taħthom il-prodotti ta' sajd huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lejn il-Komunità;

Billi d-disposizzjonijiet ta' leġislazzjoni tal-Gżejjer Falkland dwar l-ispezzjoni ta' saħħa u s-sorveljar tal-prodotti tas-sajd jistgħu jkunu meqjusa bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi, fil-Gżejjer tal-Falkland is-Servizz Veterinarju (SV) tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura huwa kapaċi li jivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura sabiex ikun miksub iċ-ċertifikat ta' saħħa riferit fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha tkopri wkoll id-definizzjoni ta' mudell ta' ċertifikat, il-ħtiġiet minimi li jirrigwardaw l-lingwa(i) li fiha għandu jkun imħejji u l-grad tal-persuna bis-setgħa li tiffirmah;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, marka għandha tkun imwaħħla fuq il-pakketti tal-prodotti tas-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni tal-istabbiliment, tal-vapur fabbrika, tal-maħżen tas-silġ jew tal-vapur tal-friża ta' l-oriġini;

Meta, permezz ta' l-Artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha ssir lista tal-istabbilimenti approvati, tal-vaputi fabbriki jew tal-imħażen tas-silġ; billi għandha issir lista talvapuri tal-friża rreġistrati fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 92/48/KEE [2]; billi din il-lista għandha ssir fuq il-bażi tal-komunikazzjoni mill-SV lejn il-Kummissjoni; billi għalhekk huwa għall SV biex tassigura l-konformità mad-disposizzjonijiet stabbiliti għall dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-SV ipprovdiet assigurazzjonijiet uffiċjali li jirrigwardaw il-konformità mar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE u jirrigwardaw it-twettieq tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti b'dik id-Direttiva għall approvazzjoni jew għar-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti, tal-vapuri fabbrika, tal-imħażen tas-silġ jew tal-vapuri tal-friża;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Servizz Veterinarju tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Gżejjer tal-Falkland sabiex jivverifika u jiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwakoltura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Il-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakoltura li joriġinaw fil-Gżejjer tal-Falkland għandhom għandhom jilħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. kull konnsenja għandha tkun akkompanjata b'ċertifikat ta' saħħa oriġinali numerat, imħejji kif xieraq, iffirmat, idattat u li jikkonsisti f'folja waħda skond il-mudell fl-Anness A t'hawnhekk;

2. il-Prodotti għandhom jiġu minn stabbilimenti approvati, minn vapuri fabbriki, min imħażen tas-silġ jew minn vapuri tal-friża rreġistrati, elenkati fl-Anness B t'hawnhekk;

3. apparti milli fil-każ tal-prodotti tas-sajd iffriżati fil-massa u ntiżi għall-manifatura ta' l-ikel ippreservati, il-pakketti għandhom iġibu il-kliem "GŻEJJER FALKLAND" u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni tal-istabbiliment, tal-vapur fabbrika, tal-maħżen tas-silġ ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati riferiti fl-Artikolu 2(1) għandhom ikunu mħejjija f'mill-anqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ta' fejn jitwettqu l-verifiki.

2. Iċ-ċertifikati għandhom iġibu l-isem, il-pożizzjoni u l-firma tar-rappreżentant tal-SV u it-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar f'kulur differenti minn dak tal-kitba l-oħra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

Ċertifikat tas-saħħa

għal prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fil-Gżejjer tal-Falkland u ntiżi għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, apparti milli l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, t-tunikati u l-gastropdi marini tkun xi tkun il-forma tagħhom

Numru tar-Referenza: .....

Pajjiż/Territorju tad-dispaċċ: IL-GŻEJJER FALKLAND

Awtorita kompetenti: Servizz Veterinarju (SV) tad-Dipertiment ta' l-Agrikultura

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tas-sajd - Prodotti ta' l-Akwakultura (1):

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Preżentazzjoni tal-prodott u t-tip tat-trattament (2): .....

— Numru tal-kodiċi (meta disponibbli): .....

— Tip tal-ippakkjar: .....

— Numru tal-pakketti: .....

— Piż nett: .....

— It-temperattura meħtieġa tal-magażżinar u tat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u n-numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), vapur(i) fabbrika, jew maħżen (mħażen) tas-silġ approvati jew vapur(i) tal-friża, rreġistrati mill-SV għall-esportazzjoni lejn il-KE: .....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodott huwa mibgħut

minn: .....
(post tad-dispaċċ)

lejn: .....
(il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezż tat-trasport li ġej: .....

L-isem u l-indirizz tal-konsenjatur: .....

.....

.....

L-isem tar-riċevitur u l-indirizz fil-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Ħassar fejn xieraq.
(2) Ħajjin, imkessha, iffriżżati, immelħa, ifumigati, ippriservati, eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. kienu maqbuda u ttrattati fuq il-vapur bi qbil mar-regoli tas-saħħa stabbiliti fid-Direttiva 92/48/KEE;

2. kienu maħtuta, ttrattati u meta xieraq ippakkjati, ippreparati, ipproċċessati, iffriżżati, imdewwba u maħżuna iġenetikament b'konformità mal-ħtiġiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

3. ghaddew minn kontrolli tas-saħħa bi qbil mal-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ippakjati, immarkati, maħżuna u trasportati bi qbil mal-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

5. ma humiex ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li fihom il-bio-tossini;

6. ghaddew minn ivverifikar sodisfaċċenti, organoleptiku, parasitoloġiku, kemikali u mikrobijoloġiku preskritti ghal ċerti kategoriji tal-prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħha.

— L-ispettur uffiċjali hawn taht iffirmat jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, tad-Direttiva 92/48/KEE u tad-Direttiva 98/423/KE.

Magħmul fi: ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali (1)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (1)

.....
(L-isem f'ittri kbar, il-pożizzjoni u kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

(1) Il-kulur tat-timbru u l-firma ghandhom ikun differenti minn dak tal-partikolaritajiet l-ohra fiċ-ċertifikat.

ANNEX B

LISTA TAL-VAPURI FABBRIKI APPROVATI

Numru	Isem	Port
1001	Petrel	Stanley
1002	Argos Pereira	Stanley
1004	De Giosa T	Stanley
1005	Capricorn	Stanley
1006	Beagle FI	Stanley
1007	Argos Galicia	Stanley
1008	Igueldo	Stanley
1009	Golden Touza	Stanley
1010	Golden Chicha	Stanley
1011	Polar Fury	Stanley
1012	John Cheek	Stanley
1013	Heroya Primero	Stanley
1014	Sil	Stanley
1016	Jacqueline (Quark Fishing Stanley Corporation)	Stanley